Nru. 17,872
Prezz 16ċ
Price 16c

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 30 ta' Jannar, 2006
Monday, 30th January, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 98**

### L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

**Nomina ta' Rappreżentant Ġudizzjarju**

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'din tiddeċiedi li tinnomina lis-Sur Ivor Robinich, *Senior Enforcement Officer,* bhala rappreżentant ġudizzjarju ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar skond l-Artikolu 4(2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356).

It-30 ta' Jannar, 2006

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 98**

### MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

**Appointment of Judicial Representative**

THE Malta Environment and Planning Authority hereby resolves to appoint Mr Ivor Robinich, Senior Enforcement Officer, as Malta Environment and Planning Authority's judicial representative in terms of Article 4(2) of the Development Planning Act (Cap. 356).

30th January, 2006

**Nru. 99**

### KUNSILL MALTI GĦALL-ARTIĠJANAT

**Laqgħa Ġenerali Annwali għall-Artiġjani u l-Imprendituri reġistrati mal-Kunsill**

SKOND id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 22 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att ta' l-2000 dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat (Kap. 421), is-Segretarju jixtieq jgħarraf li se ssir laqgħa ġenerali annwali għall-Artiġjani u għall-Imprendituri kollha reġistrati mal-Kunsill kif jidher hawn taħt:

It-Tlieta, il-31 ta' Jannar 2006 fil-5.30 p.m. fis-Sala tal-Konferenzi fil-bini tal-Malta Enterprise, Qasam Industrijali, San Ġwann.

It-30 ta' Jannar, 2006

**No. 99**

### MALTA CRAFTS COUNCIL

**Annual General Meeting for Craftsmen and Entrepreneurs registered with the Council**

IN terms of the provisions of paragraph 22 of the Schedule of the Malta Crafts Council Act, 2000 (Cap. 421), the Secretary notifies that the Annual General Meeting for all the Craftsmen and Entrepreneurs registered with the Council shall be held as follows:

Tuesday, 31st January 2006 at 5.30 p.m. in the Conference Hall at the Malta Enterprise premises, Industrial Estate, San Ġwann.

30th January, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

**Avviż**

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 17 (1) (i) tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjoni Elettorali tgħarraf illi hija m'għandhiex ritratt tal-persuni li isimhom jidher hawn taħt. Għalkemm isimhom huwa nkluż fir-Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Lokali pubblikat f'Ottubru, 2005, ma jkunx jista' jinħarġilhom Dokument għall-Votazzjoni.

Il-Kummissjoni Elettorali tistieden dawn il-persuni biex jiġu l-Uffiċċju Elettorali ħalli jitteħdilhom ritratt.

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

**Notice**

In accordance with the provisions of regulation 17 (1) (i) of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commission notifies that it is not in possession of a photograph for the persons whose names are listed hereunder. Although their names are included in the Local Councils' Electoral Register published in October, 2005, it would not be possible to issue a Voting Document to these persons.

The Electoral Commission invites these persons to call at the Electoral Office in order to have their photograph taken.

Portelli Vincent – 811444M – 147, Triq Matty Grima, Bormla
Rabia Nalda – 18969A – 80, Triq Matty Grima, Bormla
Gwynfryn-Evans Stephen Anthony – 17680A – 23, The Red House, Triq Santu Rokku, Kalkara
Zammit Saviour – 283553M – 41, Triq il-Knisja, Xgħajra
Farrugia Coronata – 329651M – 3, Triq il-Ħuttafa, Fgura
Pavia Debbie Louise – 17495A – 24, Holiday Crt/Fl 2, Triq id-Dolmen, Marsaskala
Davies Graham Roy – 17545A – Fl 1, Blk A, St Catherine, Triq il-Munxar, Marsaskala
Pell Robert John – 5407A – 6, Salvo's, Triq Vincenzo Ciappara, Rabat
Schembri Anne – 2011508P – 2, Triq San Pawl, Sqaq Nru. 2, Rabat
Has Pauline – 802644M – 4, Eaton, Fl 2, Triq Ferris, Rabat
Zarb Matthew – 538886M – 80, Boganville, Triq Tumas Galea, Birkirkara
Vella Haber Carmel k/a Charles – 648144M – 47, Gemini Crt/Fl 1, Triq l-Istazzjon, Birkirkara
Vella Haber Mary – 263849M – 47, Gemini Crt/Fl 1, Triq l-Istazzjon, Birkirkara
Berndobler Melanie Christiane – 18291A – 14, Mon Cheri, Vjal it-Trasfigurazzjoni, Lija
Dimitrijevic Aleksandar – 177898M – Mary Anne/Flat 1, Ix-Xatt Ta' Xbiex, Msida
Aquilina Stephen – 346265M – 23, Triq Antonio Sciortino, Msida
Pla Perolla Patricia Francoise Marie – 25336A – 7, The Mews Villa, 1, Triq Ant. Schembri, Kappara, San Ġwann
Debono Astrid – 136742M – Tamarisk, Triq Beresford, Sliema
Stephens Philip Charles – 20903A – 49, The Penthouse/Fl 11, Ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana, Sliema
Borg Rose – 23655M – 17, Triq San Piju V, Sliema
Drury Beatrice – 421927M – 2, Ruskin, Triq il-Kbira, Sliema
Brunelli Francesco – 17828A – 206/Fl 7, Triq it-Torri, Sliema
Miller Mark John – 19006A – Sunset, Triq Ġdida fi Triq il-Mosta, Naxxar
Tagini Roberto – 23746A – Hotel Ta' Ċenċ, Triq Ta' Ċenċ, Sannat

E. R. GATT
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-30 ta' Jannar, 2006

E. R. GATT
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

30th January, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

**Avviż**

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi ser issir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem.

E. R. GATT
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-30 ta' Jannar, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

**Notice**

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Għajnsielem.

E. R. GATT
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

30th January, 2006

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

**Avviż**

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma ser ikunu fl-Uffiċċju tal-Karta ta' l-Identità, Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex, nhar l-Erbgħa 1, il-Ħamis 2 u l-Ġimgħa, 3 ta' Frar, 2006, mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem.

E. R. GATT
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-30 ta' Jannar, 2006

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

**Notice**

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Identity Cards Office, Republic Street, Rabat, (Gozo), on Wednesday 1st, Thursday 2nd and Friday 3rd February, 2006 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Councillor for the Local Council of Għajnsielem.

E. R. GATT
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

30th January, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

255

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tad-29 ta' Settembru, 2005 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

It is hereby notified that by a decree of the 29th September, 2005 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn B. Tagliaferro & Sons Limited fis-17 ta' Frar, 2005, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' Lm1,440.18c0 depożitat b'ċedola numru 1096/2004, appartenenti lil Louis Fava.

That by an application filed by B. Tagliaferro & Sons Limited on the 17th February, 2005, is asking for the withdrawal of the amount of Lm1,440.18c0 deposited by Schedule of Deposit number 1096/2004 appertaining to Louis Fava.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-23 ta' Jannar, 2006.

Registry of the Superior Courts, today the 23rd day of January, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

256

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tat-18 ta' Jannar, 2006 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

It is hereby notified that by a decree of the 18th January 2006, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Novembru, 2005 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 21 ta' Frar 2006, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-31 ta' Mejju, 2005 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

By decree given by the Civil Court First Hall on the 8th November, 2005 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c.; Tuesday 21st February, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 31st May, 2005 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Il-fond bla numru uffiċjali magħruf bħala "Valley View" fi Triq Hieronimus Megiser, Birguma limiti tan-Naxxar, flimkien mal-garaxx sottopost u interkonness miegħu, stmat li jiswa Lm95,000.00ċ0.

Unnumbered tenement known as "Valley View", in Hieronimus Megiser Street, Birguma limits of Naxxar, together with its underlying and intercommunicated garage, valued at Lm95,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Carmelo sive Lino u Mary konjugi Gauci.

The said property belongs to Carmelo sive Lino and Mary spouses Gauci.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Valerio Schembri fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-11 ta' Ottubru, 2005.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Valerio Schembri, A&CE, on the 11th day of October, 2005.

Reġistru tal- Qorti Superjuri, illum l-24 ta' Jannar, 2006.

Registry of the Superior Courts, today the 24th day of January, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

257

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tat-18 ta' Jannar, 2006 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

It is hereby notified that by a decree of the 18th January, 2006 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit- 8 ta' Novembru, 2005 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 16 ta' Frar 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-17 ta' Ġunju, 2005 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

By decree given by the Civil Court First Hall on the 8th November, 2005 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c.; Thursday 16th February, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 17th June, 2005 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Il-garaxx bla numru f'livell *semi-basement*, sottopost u formanti parti minn blokk ta' flats esternament bla numru u bla isem fi Triq il-Lampuki, Marsaskala, stmat li jiswa Lm35,000.00ċ0.

Unnmbered garage at semi-basement level, underlying and forming part of a block of flats externally unnumbered and unnamed in Triq il-Lampuki, Marsaskala, valued at Lm35,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Current Fashions Limited.

The said property belongs to Current Fashions Limited.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Godwin P. Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-18 ta' Ottubru, 2005.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Godwin P. Abela, A&CE, on the 18th day of October, 2005.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-24 ta' Jannar, 2006.

Registry of the Superior Courts, today the 24th day of January, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

258

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tas-16 ta' Jannar, 2006 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

It is hereby notified that by a decree of the 16th January, 2006 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Illi b'Rikors u b'Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Bank of Valletta p.l.c., fis-6 ta' Diċembru, 2005, qed tintalab it-tpaċċija ta' l-ammont komplessiv ta' Lm70,000.00c0 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant ta' flat internament markat bin-numru 1, formanti parti minn blokk ta' appartamenti jismu "Fawwara Buildings", fi Triq Ġużè Fava, Tas-Sliema miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fl-1 ta' Diċembru, 2005, appartenenti lil Josette Limited.

That by an application and a Schedule of Set-Off filed contemporaneously by the Bank of Valletta p.l.c. on the 6th December, 2005, the approval of the said Judicial Acts is being demanded for the amount of Lm70,000.00c0 being the purchase price of flat internally marked 1, forming part of a block of apartments known as "Fawwara Buildings", Ġużè Fava Street, Sliema, belonging to Josette Limited, held in a Sale by Auction under the authority of the said Court on the 1st December, 2005

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-23 ta' Jannar, 2006.

Registry of the Superior Courts, today the 23rd day of January, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

259

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tat-18 ta' Jannar, 2006 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Novembru, 2005 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta 21 ta' Frar, 2006 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-12 ta' Ottubru, 2004 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond bin-numru 48, magħruf bħala "Sacred Heart" fi Triq il-Parroċċa, in-Naxxar stmat li jiswa Lm81,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Joseph Bartolo.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Carmel Cacopardo fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-17 ta' Ottubru, 2005.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l- 24 ta' Jannar, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 18th January, 2006 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the Civil Court First Hall on the 8th November, 2005 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c.; Tuesday 21st February, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 12th October, 2004 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

Tenement number 48, known as "Sacred Heart", in Parish Street, Naxxar, valued at Lm81,000.00c0.

The said property belongs to Joseph Bartolo.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Carmel Cacopardo A&CE on the 17th day of October, 2005.

Registry of the Superior Courts, today the 24th day of January, 2006.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

260

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru 2005, fl-atti tal-kawża Grixti Mary Ann vs Ghazi Ahmed Samik Ibrahim, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Mary Ann Grixti (ID 475282(M) ippreżentat Ċitazzjoni fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-26 ta' Lulju 2005, kontra Ahed Samih Ibrahim Ghazi, fejn talbet il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ ikkuntrattat bejn l-attriċi u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut li huwa inġunt sabiex jidher in subizzjoni.

Notifika Konvenut: Sunrise 1, Flt 6,
Triq il-Magħluq,
Marsaskala.

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 28th October 2005, in the records of the cause Grixti Mary Ann vs Ghazi Ahmed Samik Ibrahim, ordered the following publication for the purpose of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Mary Ann Grixti (ID 475282M), filed, a Writ of Summons, in the Civil Court (Family Section) on the 26th July 2005, against Ahed Samih Ibrahim Ghazi, whereby she asked the defendant why this Court should not:

1. Declare and decide that the marriage contracted between the plaintiff and the defendant is null and without effect.

With costs, against the defendant who is summoned so that a reference to his evidence be made.

Notify Defendant: Sunrise 1, Flt 6,
Il-Magħluq Street,
Marsaskala.

Il-kawza Ċitazzjoni Numru 253/2005 JA, fl-ismijiet Grixti Mary Ann vs Ghazi Ahmed Samik Ibrahim, tinsab differita għan-notifika tal-konvenut għas-17 ta' Frar 2006, fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 26 ta' Jannar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The cause Writ of Summons Number 253/2005 JA, in the names Grixti Mary Ann vs Ghazi Ahmed Samik Ibrahim, has been put off for the service of the defendant to the 17th February 2006, at 9.45 a.m.

Registry of the Civil Court (Family Section) today 26th January 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

261

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tas-16 ta' Jannar, 2006 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Diċembru, 2005 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, id-9 ta' Marzu, 2006, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal- 31 ta' Awissu, 2004 li għandu jsir fil-KURIDUR TA' DAWN IL-QRATI tal-propjetajiet hawn taħt deskritti:-

Il-fond numru 220, magħruf bħala "Seacliff Bar and Restaurant", in Tower Road, Tas-Sliema, kif soġġett għas-subċens annwu u perpetwu ta' Lm312.00ċ0, stmat li jiswa Lm750,000.00ċ0.

Il-fond numru 219, f'Tower Road, Tas-Sliema, stmat li jiswa Lm250,000.00ċ0.

Il-flat internament immarkat bin-numru 1, formanti parti minn blokk ta' flats esternament numerat 218, f'Tower Road, Tas-Sliema, stmat li jiswa Lm175,000.00ċ0.

L-imsemmija propjetajiet jappartjenu lil Sliema Front Limited.

L-imsemmi propjetajiet jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-AIC Guido Vella fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid-19 ta' Novembru, 2004.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-24 ta' Jannar, 2006.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 16th January, 2006 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the Civil Court First Hall on 21st December, 2005 on the application of Bank of Valletta p.l.c.; Thursday 9th March, 2006 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 31st August, 2004 to be held in the CORRIDOR OF THESE COURTS of the following property:-

Tenement number 220, known as "Seacliff Bar and Restaurant", in Tower Road, Sliema, as being subject to the annual and perpetual sub ground-rent of Lm312.00c0, valued at Lm750,000.00c0.

Tenement number 219, in Tower Road, Sliema, valued at Lm250,000.00c0.

Flat internally marked 1, forming part of a block of flats numbered 218, in Tower Road, Sliema, valued at Lm175,000.00c0.

The said property belongs to Sliema Front Limited.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Guido Vella, A&CE, on the 19th November, 2004.

Registry of the Superior Courts, today the 24th day of January, 2006

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

262

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Jannar 2006, fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni Numru 38/05 GCD, fl-ismijiet Edward Callus et vs Alfred Galea et ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti Alfred u Josephine konjugi Galea, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Edward Callus (ID 456466M) u Sandra Galea (ID 123066M) ippreżentaw, Ċitazzjoni fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fis-17 ta' Jannar 2005, kontra Alfred u Josephine konjugi Galea, fejn talbu l-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli għal ħlas ta' rimbors rispettanti l-valur ta' benefikati li saru mill-atturi fil-fond proprejtà tal-konvenuti numru 8 fi Triq Polverista, Cospicua;

2. Tillikwida s-somma ta' sitt elef lira, mija u tmenin lira Maltin (Lm6,180) jew somma oħra verjuri ħekk kif jidhrilha li jkun xieraq dina l-Onorabbli Qorti, rappreżentanti l-valur tal-benefikati li saru minn l-atturi;

3. Tordna lill-konvenuti sabiex iħallsu s-somma ħekk likwidata lill-atturi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax u b'ħekk il-konvenuti minn issa jibqgħu inġunti għas-subizzjoni.

Konvenuti: 8, Triq Polverista, Bormla.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, 26 ta' Jannar 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 19th January 2006, in the records of the cause Writ of Summons Number 38/05 GCD, in the names Edward Callus et vs Alfred Galea et, ordered the following publication for the purpose of service of the defendants Alfred and Josephine spouses Galea, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Edward Callus (ID 456466M) and Sandra Galea (ID 123066M) filed a Writ of Summons in the First Hall Civil Court , on the 17th January 2005, against Alfred and Josephine spouses Galea, whereby they asked the defendants to state why this Honourable Court should not;

1. Declare that the defendants are responsible for the payment of the reimbursement regarding the value of the ameliorations made by the plaintiffs in the premises property of the defendants number 8 Polverista Street, Cospicua;

2. Liquidate the sum of six thousand one hundred eighty Maltese liri (Lm6,180) or more correct sum as this Honourable Court shall deem fit, representing the value of the ameliorations made by the plaintiffs;

3. Order the defendants to pay the sum so liquidated to the plaintiffs.

With costs and interests and thus the defendants are summoned so that a reference to their evidence be made.

Defendants: 8, Polverista Street, Bormla.

Registry of the Superior Courts, today 26th January 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*